

Fl-opinjoni tagħhom, l-eżistenza ta' aġir li jmur kontra d-dispożizzjoni ċitata iktar 'il fuq, u għalhekk il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jintwerew b'mod suffiċjenti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-58/12 P, Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni, u C-50/12 P, Kendrion NV vs Il-Kummissjoni. Huwa enfasizzat f'dan ir-rigward li t-tnejn li huma kienu ġew issanzjonati permezz tal-istess deċiżjoni li biha ġew issanzjonati Kendrion u Groupe Gascogne. Bħal fil-każ ta' dawn iż-żewġ kumpanniji huma ppreżentaw rikors kontra din id-deċiżjoni u ġew ikkonfrontati, fi proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali simili ħafna, jekk mhux prattikament identika għal dik li żvolġiet ruħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fiż-żewġ kawżi msemmija iktar 'il fuq, għall-ksur tal-osservanza ta' terminu ta' ġudizzju raġonevoli.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2015 – CRM vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-43/15)

(2015/C 089/52)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: CRM Srl (Modena, l-Italja) (rappreżentanti: G. Forte, C. Marinuzzi u A. Franchi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1174/2014, tal-24 ta' Ottubru 2014, li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Piadina Romagnola/Piada Romagnola (IĠP)], ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-4 ta' Novembru 2014 (Volum L 316)
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Din ir-rikors huwa ppreżentat kontra r-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta 'Piadina Romagnola/Piada Romagnola' fir-rigward tal-fatt li r-reputazzjoni li minnha tgawdi l-Piadina artiġjanali ġiet estiża sabiex tkopri l-Piadina prodotta fuq skala industrijali.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur u applikazzjoni inkorretta tal-Artikolu 7(1)(f)(ii) u tal-Artikolu 8(1)(c)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, p. 1).

- F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li, f'dan il-każ, ma hemmx evidenza li tiġġustifika r-rabta mal-orijini ġeografika, u
- li r-reputazzjoni li minnha tgawdi l-Piadina artiġjanali ġiet estiża sabiex tkopri l-Piadina prodotta fuq skala industrijali.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u struttorja vvizzjata.
 - F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti targumenta li kien hemm żball manifest ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżiti għall-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika b'rabta mal-Piadina Romagnola, u
 - l-istruttorja kienet ivvizzjata minħabba li kien hemm nuqqas ta' twettiq ta' evalwazzjoni tal-annullament, mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru, tar-regoli nazzjonali li fuqhom huwa bbażat ir-regolament ikkontestat.
 - Ir-rikorrenti tallega wkoll ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għall-ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Jannar 2015 – Hamas vs Il-Kunsill

(Kawża T-702/14) ⁽¹⁾

(2015/C 089/53)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 395, 10.11.2014.